**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 26 ta' Gunju 2025**

**<u>Rikors nru : 281/2025 fl-ismijiet;</u>**

**LB**

**VS**

**MK**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti LK Illi tirrisjedi gewwa Mayple Leaf ft 3, Triq Benghazi Ghajnsielem, Ghawdex;**

Tesponi bir-rispett u bil-gurament tieghu jikkonferma:

1. Illi r-rikorrenti zzewget mal-konvenut MK nhar l-erbatax ta' Mejju tas-sena elfejn u disgha (2009) gewwa Damascus gewwa s-Syria liema zwieg igib in-numru ta' registrazzjoni gewwa r-registru pubbliku ta' Malta 862/2010 u dan kif muri bl-Att Taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dokument A;

2. Illi minn dan iz-zwieg twieldet minuri wahda nhar is-sbatax ta' Lulju tas-sena elfejn u erbatax kif muri permezz tal-att tat-twelid anness u mmarkat bhala Dokument B liema kura u kustodja jinsabu fdati esklussivament f`idejn il-missier.

3. Illi r-relazzjoni konjugli bejn il-partijiet spiccat irrimedjabillment tant illi l-partijiet dehru fuq att pubbliku ta' separazzjoni personali datat 21 ta' Marzu 2025 , quddiem in-Nutar Dottor Marygrace Mifsud ,kopja ta' liema kuntratt qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dokument C .

4. Illi permezz tal-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni il-konvenuta rrivertit ghal kunjomha xbubitha ossia B u dan skond il-klawsola numerat XII tal-istess kuntratt sovra indikat.

5. Illi konsewgentament jezistu fic-cirkostanzi odjerni l-kriterji previsti mill-Ligi fl-artikolu 66B tal-Kodici Civili sabiex jigi rikjest divorzju.

6. Illi stante l-kuntratt ta’  separazzjoni precedentement   iffirmat bejn il-partijiet ma jissusstux ir-rekwiziti tal-artikolu 66 I  tal-Kodici Civili.

Ghaldaqstant in vista tal-permess r-rikorrenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kull dikjarazzjoni mehtiega u opportuna joghgobha:

1. Tipprounzja d-divorzju bejn il-partijiet u

2. Tordna n-notifika tad-divorzju lid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien stipulta minn din l-Onorabbli Qorti sabiex jigi debitament registtart skond il-Ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut illi huwa minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Il- Qorti rat li l- konvenut  m ‘ghandux oggezzjoni ghat-talba tad-divorzju  .

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa’ t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**